QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAT-22 TA' GUNJU, 2001.

Citazzjoni numru 664/01GC

Mark Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza ta' Golden Harvest Manufacturing Company Limited

Vs.

MA Supermarkets Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici nomine wara li ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta konvenuta;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghal-din il-merkanzija jammonta ghal-disat elef, mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm9,184.56);

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fl-imsemmija somma ta' disat elef, mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm9,184.56);

Illi għalkemm interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi danid-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici, huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu l67 tal-Kap. L2 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet ax'taghti;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'ghandiex:-

1. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' disat elef, mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm9,184.56);
2. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi tal-artikolu l67 tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici nomine u id-dokumenti l-ohra;

Peress li is-socjeta konveuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi  baqhet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas mad deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta attrici nomine kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Dep. Registratur